DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' April 2014

li tistabbilixxi l-Programm ta' Ħidma għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

(2014/255/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 281 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 280 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Kodiċi') jipprovdi li l-Kummissjoni tfassal programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi. Il-programm ta' ħidma huwa importanti b'mod partikolari għat-twaqqif tal-miżuri tranżitorji relatati mas-sistemi elettroniċi u ż-żmien għall-kawżi fejn is-sistemi jkunu għadhom mhumiex operattivi sad-data tal-applikazzjoni tal-Kodiċi, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2016.

(2) Il-Kodiċi jipprovdi li kull skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali u ħażna ta' informazzjoni bħal din għandha ssir permezz ta' tekniki ta' proċessar tad-dejta elettronika u li sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni joffru l-istess faċilitajiet lill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha. Il-programm ta' ħidma għandu għalhekk jistabbilixxi pjan estensiv għall-implimentazzjoni ta' sistemi elettroniċi sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tal-Kodiċi.

(3) Għaldaqstant, il-programm ta' ħidma għandu jkun fih lista tas-sistemi elettroniċi li għandha tiġi żviluppata mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib, sabiex il-Kodiċi jsir applikabbli fil-prattika. Din il-lista hija bbażata fuq id-dokument ta' ppjanar eżistenti marbut mal-proġetti doganali relatati kollha tal-IT, imsejjaħ il-pjan strateġiku pluriennali ("MASP"), li jitfassal skont id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 4 u l-Artikolu 8(2) tagħha. Is-sistemi elettroniċi msemmija fil-programm ta' ħidma għandhom ikunu soġġetti għall-istess approċċ ta' ġestjoni tal-proġetti u mħejjija u żviluppati kif stabbilit fl-MASP.

(4) Il-programm ta' ħidma għandu jiddefinixxi u jiddeskrivi s-sistemi elettroniċi kif ukoll il-bażi legali relatata, il-miri ewlenin u d-dati previsti biex jibdew l-operazzjonijiet. Dawn id-dati għandhom jissejħu "dati ta' bidu fil-mira tat-tħaddim". Id-data tat-tħaddim tas-sistemi elettroniċi għandha tikkostitwixxi d-data ta' tmiem fil-mira tal-perjodu tranżitorju.

(5) Is-sistemi elettroniċi msemmija fil-programm ta' ħidma għandhom ikunu magħżula fid-dawl tal-impatt mistenni tagħhom fit-termini tal-prijoritajiet definiti fil-Kodiċi. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin f'dan ir-rigward hija li l-operaturi ekonomiċi jkunu kapaċi joffru firxa wiesgħa ta' servizzi doganali elettroniċi fit-territorju doganali tal-Unjoni. Barra minn hekk, is-sistemi elettroniċi għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza, l-effettività u l-armonizzazzjoni ta' proċessi doganali madwar l-Unjoni. L-ordni ta' u l-iskeda għat-tħaddim tas-sistemi inklużi fil-programm ta' ħidma għandhom ikunu bbażati fuq konsiderazzjonijiet prattiċi u ta' ġestjoni tal-proġetti bħat-tixrid ta' sforzi u riżorsi, l-interkonnessjoni bejn il-proġetti, il-prerekwiżiti speċifiċi ta' kull sistema u l-maturità tal-proġett. Il-programm ta' ħidma għandu l-għan li jippjana u jmexxi l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi b'mod xieraq u gradwali.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ (ĠU L 23, 26.1.2008, p. 21).

(6) Filwaqt li s-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi għandhom jiġu żviluppati, imħaddma u miżmuma mill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex jiżguraw li t-tħejjija u l-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi jiġu ġestiti f'konformità mal-programm ta' ħidma u li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu ppjanati, imfassla, żviluppati u mħaddma s-sistemi identifikati b'mod ikkoordinat u f'waqtu.

(7) Sabiex tiġi żgurata sinkroniċità bejn il-programm ta' ħidma u l-MASP il-programm ta' ħidma għandu jiġi aġġornat fl-istess ħin bħall-MASP.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm ta' ħidma kif previst fl-Artikolu 280(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ("il-Kodiċi").

Il-programm ta' ħidma huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jikkooperaw u jimplimentaw il-programm ta' ħidma.

2. Il-proġetti speċifikati fil-programm ta' ħidma u t-tħejjija u l-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi relatati jkunu ġestiti b'mod konsistenti mal-programm ta' ħidma.

3. Il-Kummissjoni tieħu ħsieb li ssib fehim komuni u qbil mal-Istati Membri fl-ambitu tal-proġett, it-tfassil, ir-rekwiżiti u l-arkitettura tas-sistemi elettroniċi sabiex jibdew il-proġetti tal-programm ta' ħidma. Fejn ikun rilevanti, il-Kummissjoni tikkonsulta wkoll u tikkunsidra l-fehmiet tal-operaturi ekonomiċi.

Artikolu 3

Aġġornamenti

1. Il-programm ta' ħidma jiġi soġġett għal aġġornamenti regolari sabiex ikun żgurat allinjament u aġġustamenti mal-aħħar żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi u biex jitqies il-progress attwali li sar fit-tħejjija u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi, u b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà ta' speċifikazzjonijiet komunement miftiehma u r-realizzazzjoni tad-dħul fis-seħħ tas-sistemi elettroniċi.

2. Sabiex tiġi żgurata sinkroniċità bejn il-programm ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali ("MASP") il-programm ta' ħidma għandu jiġi aġġornat mill-anqas kull sena.

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

IL-PROGRAMM TA' ĦIDMA TAL-KODIĊI DOGANALI TAL-UNJONI

I. **Introduzzjoni tal-programm ta' ħidma**

L-għan tal-programm ta' ħidma huwa li jipprovdi strument li jappoġġja l-applikazzjoni tal-Kodiċi fir-rigward tal-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi.

Il-programm ta' ħidma se jappoġġja l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi previsti mill-Artikolu 6(1) u jirregola t-twaqqif tal-perjodi ta' tranżizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 278 tal-Kodiċi. Il-programm ta' ħidma jirrigwarda l-kooperazzjoni meħtieġa bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi skont dak li huwa pprovdut fl-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi.

Il-programm ta' ħidma jinftiehem kif ġej:

1. Huwa relatat mal-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi;

2. Jikkunsidra l-prijoritajiet definiti fl-Artikolu 280(2) tal-Kodiċi;

3. Jelenka s-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 16(1) li huma meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u li jkun previst perjodu tranżitorju għalih, mid-data tal-applikazzjoni tal-Kodiċi iżda mhux wara l-31 ta' Diċembru 2020;

4. Jispeċifika għal kull proġett:

   (a) deskrizzjoni ta' livell għoli tal-proġett u s-sistema elettronika relatata;

   (b) il-bażi legali għas-sistema elettronika (dispożizzjonijiet legali relatati tal-Kodiċi);

   (c) il-pass ewlieni fit-termini tad-data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li tinftiehem bħala d-data tal-ikkompletar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbli, aġġornati u disponibbli għall-Istati Membri wara r-rieżami;

   (d) id-data operazzjonali prevista tas-sistema elettronika, imsemmija bħala d-data tal-bidu fil-mira tat-tħaddim tas-sistema elettronika, li hija ugwali għad-data tat-tmiem tal-perjodu tranżitorju.

Id-deskrizzjoni tas-sistemi elettroniċi fil-programm ta' ħidma hija msejsa fuq ir-rekwiżiti għal dawn is-sistemi, u din tista' tinkiseb mid-deskrizzjonijiet fil-Kodiċi, fiż-żmien tat-tfassil tal-programm ta' ħidma.

Sabiex jiġi implimentat il-programm ta' ħidma, il-Kummissjoni se tibda proġetti speċifiċi rigward is-sistemi elettroniċi permezz tal-attivitajiet ta' analiżi tan-negozju f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Fid-dawl ta' aktar elaborazzjoni fil-parti teknika tal-IT tal-proġetti, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni għas-sistemi elettroniċi previsti. L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jiżguraw l-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi, inklużi l-attivitajiet tal-ittestjar u l-migrazzjoni, skont l-arkitettura u l-ispeċifikazzjonijiet definiti tas-sistema. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jikkooperaw ukoll ma' partijiet interessati oħra bħall-operaturi ekonomiċi.

Il-proġetti se jkunu bbażati fuq fażijiet differenti minn elaborazzjoni għal kostruzzjoni, l-ittestjar u l-migrazzjoni għal operazzjoni finali. Ir-rwol tal-Kummissjoni u l-Istati Membri f'dawn il-fażijiet differenti se jiddependi fuq in-natura u l-arkitettura tas-sistemi u l-komponenti jew is-servizzi tagħhom kif deskritt fl-iskedi ta' proġetti dettaljati tal-Pjan Strateġiku pluriennali ("MASP"). Fejn xieraq, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni jiġu definiti mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u soġġetti għal rieżami magħhom, bil-ħsieb li jipprovduhom 24 xahar qabel id-data tal-bidu fil-mira tat-tħaddim tas-sistema elettronika.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jieħdu sehem fl-iżvilupp u fit-tħaddim tas-sistemi, inklużi attivitajiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni bħal attivitajiet ta' taħriġ u komunikazzjoni. L-attivitajiet se jitwettqu fir-rigward tal-passi ewlenin u d-dati msemmija fil-programm ta' ħidma. L-operaturi ekonomiċi se jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi ladarba dawn ikunu fis-seħħ.

II. **Il-programm ta' ħidma (għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni)**

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Pass ewlieni	Data tal-bidu fil-mira tat-tħaddim tas-sistema elettronika [1]
1. **Sistema tal-Esportatur Reġistrat (REX)** Il-proġett għandu l-għan li jagħmel disponibbli l-informazzjoni aġġornata dwar Esportaturi Reġistrati stabbiliti f'pajjiżi tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) li jesportaw merkanzija lejn l-UE. Is-sistema se tinkludi wkoll dejta dwar in-negozjanti tal-UE bil-għan li tappoġġja l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi tas-SĠP.	Art. 6(1), 16 u 64 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira ta' speċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2015	1.1.2017
2. **Informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi (BTI) tal-KDU/Sorveljanza 2+** Il-proġett għandu l-għan li jipprovdi aġġornament tas-sistema tal-BTI u s-sistema Sorveljanza 2 biex jiġi żgurat — l-allinjament tas-sistema EBTI-3 mar-rekwiżiti tal-KDU, — estensjoni tad-dejta ta' Sorveljanza — monitoraġġ tal-użu obbligatorju tal-BTI, — monitoraġġ u ġestjoni tal-użu estiż tal-BTI.Il-proġett se jiġi implimentat f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi se tkopri l-partijiet ewlenin li jissodisfaw l-obbligu tal-kontroll ta' użu tal-BTI permezz ta' sett ta' dejta mnaqqas u l-allinjament tal-proċess tad-deċiżjonijiet doganali. It-tieni fażi se timplimenta l-kamp sħiħ ta' applikazzjoni għall-monitoraġġ permezz ta' sett ta' dejta sħiħ u se jipprovdi interfaċċa armonizzat għall-kummerċjanti sabiex titressaq l-applikazzjoni tal-BTI u d-deċiżjoni tal-BTI titwassal b'mod elettroniku.	Art. 6(1), 16, 22, 23 26, 27, 28, 33 u 34 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira ta' speċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2015 (fażi 1) = Q3 2016 (fażi 2)	1.3.2017 (fażi 1) 1.10.2018 (fażi 2)
3. **Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU** Il-proġett għandu l-għan li jarmonizza l-proċessi relatati mal-applikazzjoni għal deċiżjoni doganali, it-teħid tad-deċiżjoni u l-ġestjoni tad-deċiżjoni permezz ta' standardizzazzjoni u ġestjoni elettronika tal-applikazzjoni u d-dejta tad-deċiżjoni/tal-awtorizzazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea. Is-sistema se tiffaċilita l-konsultazzjonijiet matul il-perjodu tat-teħid tad-deċiżjoni u l-ġestjoni tal-proċess tal-awtorizzazzjonijiet.	Art. 6(1), 16, 23 22, 23, 26, 27 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2015	2.10.2017
4. **Aċċess dirett minn negozjant għas-Sistemi tal-Informazzjoni Ewropea (Ġestjoni tal-utenti uniformi u firma diġitali)** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jipprovdi soluzzjonijiet ta' ħidma għal aċċess dirett u armonizzat minn negozjanti tal-UE bħala servizz li jiġi integrat fis-sistemi doganali elettroniċi kif definit fil-proġetti speċifiċi bħall-BTI tal-KDU/Sorveljanza 2+ u d-Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU. Dan jinkludi appoġġ għal identità, aċċess u ġestjoni tal-utenti konformi mal-politiki ta' sigurtà meħtieġa, potenzjalment ikkumplimentati bl-appoġġ għal firem diġitali.	Art. 6(1) u 16 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q4 2015	2.10.2017

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-thaddim tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Pass ewlieni	Data tal-bidu fil-mira tat-thaddim tas-sistema elettronika [1]
5. **Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU (PoUS)** Il-proġett jimmira li joħloq Sistema ta' Informazzjoni mal-Ewropa kollha li taħżen, timmaniġġja u tirkupra l-Prova tad-dokument tal-Istatus tal-Unjoni. Dan jipprevedi li jissostitwixxi l-forma stampata T2L b'mezzi elettroniċi.	Art. 6(1), 16 u 153 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2015	2.10.2017
6. **Aġġornament tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEO) tal-KDU** Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-proċessi tan-negozju relatati mal-applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet tal-AEO filwaqt li jitqiesu l-bidliet tad-dispożizzjonijiet legali tal-KDU u l-armonizzazzjoni tal-proċedura tat-tehid tad-deċiżjoni doganali.	Art. 6(1), 16, 22, 23, 26, 27, 28, 38 u 39 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2016	1.3.2018
7. **Sorveljanza 3 tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi aġġornament tas-sistema tas-Sorveljanza 2+ li tiżgura l-allinjament tagħha għar-rekwiżiti tal-KDU bħall-iskambju standard ta' informazzjoni b'tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta u l-istabbiliment tal-funzjonalitajiet adegwati meħtieġa għall-ipproċessar u l-analiżi tas-sett tad-dejta ta' sorveljanza sħiħa miksuba mill-Istati Membri. Għaldaqstant dan se jinkludi aktar kapaċitajiet għall-estrazzjoni tad-dejta u funzjonalitajiet tar-rapputar li għandhom isiru disponibbli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.	Art. 6(1), 16 u 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2016	1.10.2018
8. **Aġġornament tas-Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS)** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jallinja s-sistema NCTS eżistenti mar-rekwiżiti tal-KDU l-ġodda bħall-allinjament tal-iskambji ta' informazzjoni mar-rekwiżiti tad-dejta tal-KDU u l-aġġornament u l-iżvilupp ta' interfaces ma' sistemi oħra.	Art. 6(1), 16 u 226 - (236) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2016	1.10.2018
9. **Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) tal-KDU** L-għan tal-proġett huwa li tiġi żviluppata aktar is-Sistema ta' Kontroll tal-Esportazzjoni eżistenti sabiex tiġi implimentata Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni sħiħa li tkopri r-rekwiżiti tan-negozju għall-proċessi u d-dejta li joriġinaw mill-KDU, *inter alia* l-kopertura ta' proċeduri simplifikati, kunsinni ta' ħruġ maqsuma u żdoganar ċentralizzat għall-esportazzjoni. Huwa wkoll previst li jkopri l-iżvilupp ta' interfaces armonizzati bis-Sistema tal-Moviment tas-Sisa (EMCS) u s-Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS). L-AES se tippermetti l-awtomazzjoni sħiħa tal-proċeduri ta' esportazzjoni u formalitajiet tal-ħruġ.	Art. 6(1), 16, 179 u 263 - 276 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2016	1.3.2019

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-thaddim tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Pass ewlieni	Data tal-bidu fil-mira tat-thaddim tas-sistema elettronika ([1])
10. **Dokumenti bit-Tagħrif (INF) tal-KDU għal Proċeduri Speċjali** L-għan ta' dan il-proġett huwa li tiġi żviluppata sistema ċentralizzata ġdida biex tappoġġa u tissimplifika l-proċessi tal-ġestjoni tad-dejta tal-INF u t-trattament elettroniku tad-dejta tal-INF fil-qasam ta' Proċeduri Speċjali.	Art. 6(1), 16, 215, 237 - 242 u 250 - 262 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2017	1.10.2019
11. **Proċeduri Speċjali tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jaċċellera, jiffaċilita u jarmonizza l-Proċeduri Speċjali madwar l-Unjoni billi jipprovdi mudelli komuni ta' proċessi ta' negozju. Dan il-proġett jimmira li jimplimenta l-bidliet tal-KDU kollha meħtieġa għal ħażna doganali, użu aħħari, dħul temporanju, ipproċessar intern u estern. Fir-rigward tas-soluzzjonijiet elettroniċi għall-immaniġġjar tad-dejta tal-Proċeduri Speċjali, dawn se jkunu fil-biċċa l-kbira tagħhom stabbiliti fuq livell nazzjonali.	Art. 6(1), 16, 215, 237 - 242 u 250 - 262 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2017	1.10.2019
12. **Notifika tal-Wasla tal-KDU, Notifika tal-Preżentazzjoni u tal-Ħażna Temporanja** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiddefinixxi l-proċessi għan-Notifika tal-Wasla tal-mezz tat-trasport, in-Notifika ta' Preżentazzjoni u Dikjarazzjoni għal Ħażna Temporanja u biex jappoġġa armonizzazzjoni f'dan ir-rigward fost l-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tad-dejta bejn il-kummerċ u d-dwana u, fejn huwa meħtieġ, bejn l-amministrazzjonijiet tad-dwana. Meta l-proċessi ma jinvolvux aktar minn Stat Membru wieħed, il-proċess tal-implimentazzjoni huwa purament kwistjoni nazzjonali.	Art. 6(1), 16 u 133 - 152 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2017	2.3.2020
13. **Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni (CCI) tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jippermetti li l-merkanzija titpoġġa taħt proċedura doganali bl-użu ta' Żdoganar Ċentralizzat, li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi biex jiċċentralizzaw in-negozju tagħhom minn perspettiva doganali. L-ipproċessar tad-dikjarazzjoni doganali u r-rilaxx fiżiku tal-merkanzija għandhom ikunu kkoordinati bejn l-uffiċċji doganali relatati.	Art. 6(1), 16 u 179 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2017	1.10.2020
14. **Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU** Dan il-proġett għandu l-għan li jiżgura ġestjoni effettiva u effiċjenti ta' garanziji komprensivi validi li jistgħu jintużaw f'iżjed minn Stat Membru wieħed u l-monitoraġġ tal-ammont ta' referenza għal kull dikjarazzjoni doganali, dikjarazzjoni supplimentari jew ta' informazzjoni xierqa tad-dettalji meħtieġa għad-dħul fil-kontijiet għad-djun doganali eżistenti għall-proċeduri doganali kollha kif previst fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, minbarra t-tranżitu li huwa trattat bħala parti tal-proġett tal-NCTS.	Art. 6(1), 16 u 89 - 100 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2018	2.3.2020

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-thaddim tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Pass ewlieni	Data tal-bidu fil-mira tat-thaddim tas-sistema elettronika [1]
15. **Ġestjoni tas-Sikurezza u s-Sigurtà u r-Riskju tal-KDU** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jissaħħu s-sikurezza u s-sigurtà tal-katina tal-provvista fl-oqsma li ġew identifikati, fil-forom kollha tat-trasport u speċjalment il-merkanzija bl-ajru, permezz ta' titjib tal-kwalità tad-dejta, tal-arkivjar tad-dejta, u d-disponibbiltà u l-iskambju tad-dejta. Il-qafas sħiħ tal-analiżi tar-riskju se jitjieb ukoll billi d-dejta tal-merkanzija li tinsab għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali u l-iskambju ta' informazzjoni relatata mar-riskji, jintużaw bl-aħjar mod. Dan se jwassal għal tibdil tas-sistemi bħas-Sistema għall-Kontroll tal-Importazzjoni u s-Sistema Komunitarja tal-Ġestjoni tar-Riskju b'estensjoni possibbli għall-moduli l-ġodda.	Art. 6(1), 16, 46 u 127 - 132 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Irid jiġi definit fil-verżjoni li jmiss tal-programm ta' ħidma	Irid jiġi definit fil-verżjoni li jmiss tal-programm ta' ħidma bbażat fuq il-Pjan Direzzjonali [2]
16. **Klassifikazzjoni (CLASS) tal-KDU** Il-proġett huwa mmirat lejn l-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni ta' klassifikazzjoni ta' tariffa permezz ta' modulu ta' konsultazzjoni li jipprovdi pjattaforma waħda fejn kull informazzjoni ta' klassifikazzjoni (irrispettivament min-natura) hija faċilment disponibbli u aċċessibbli. Dan se jippermetti lill-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-SMEs, u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li jsibu l-informazzjoni rilevanti ta' klassifikazzjoni aktar faċilment.	Art. 6(1), 16(1) u 57 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Irid jiġi definit fil-verżjoni li jmiss tal-programm ta' ħidma	Irid jiġi definit fil-verżjoni li jmiss tal-programm ta' ħidma

[1] Din id-data tal-bidu fil-mira tat-thaddim tas-sistemi elettroniċi hija ugwali għad-data tat-tmiem tal-perjodu tranżitorju.

[2] L-iskeda tal-proġetti marbuta mal-żviluppi fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju tiġi kkunsidrata f'aġġornament tal-programm ta' ħidma skont ix-xogħol tal-Kummissjoni li għaddej bħalissa dwar l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tas-Sigurtà tal-Katina tal-Provvista u tal-Ġestjoni tar-Riskju Doganali (8761/3/13, Rev.3, 18 ta' Ġunju 2013).

Figura:

Ħarsa Ġenerali Grafika

Proġetti tal-KDU relatati ma' sistemi elettroniċi	Data fil-mira tat-tħaddim	S1 2017	S2 2017	S1 2018	S2 2018	S1 2019	S2 2019	S1 2020	S2 2020
1. Sistema tal-Esportatur Reġistrat (REX) tal-KDU	1.1.2017								
2. Aġġornament tal-Informazzjoni Vinkolanti dwar it-Tariffi (BTI) tal-KDU Fażi 1	1.3.2017								
Fażi 2	2.10.2017								
3. Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU	2.10.2017								
4. Aċċess dirett minn negozjant għas-Sistemi tal-Informazzjoni Ewropej (Ġestjoni tal-utenti uniformi u firma diġitali)	2.10.2017								
5. Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU (PoUS)	2.10.2017								
6. Aġġornamenti tal-KDU u l-AEO	1.3.2018								
8. Sorveljanza 3 tal-KDU	2.10.2018								
7. Aġġornament tas-Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS) tal-KDU	1.10.2018								
9. Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) tal-KDU	1.3.2019								
10. Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni (INF) tal-KDU għal Proċeduri Speċjali	1.10.2019								
11. Proċeduri Speċjali tal-KDU	1.10.2019								
12. Notifika tal-wasla tal-KDU, notifika ta' preżentazzjoni u ta' ħażna temporanja	2.3.2020								
13. Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni (CCI) tal-KDU	2.10.2020								
14. Ġestjoni tal-Garanzija tal-KDU	2.10.2020								
15. Ġestjoni ta' Sikurezza u Sigurtà u Riskju tal-KDU	TBD								
16. Klassifikazzjoni (CLASS) tal-KDU	TBD								